Minuti tal-laqgħa numru disgħa u għoxrin (29) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju, 2026 fil-5.30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

29.01 **Qari tal-ittri ta' Apoloġija** Presedenza u apoloġiji

Is-SE informa lis-Sindku u lill-kunsillieri illi kien irċieva ittra ta' apoloġija minn għand is-Sur Terrence Sant u s-Sur Norbert Grech. Dawn ġew aċċettati unanimament u s-seduta kienet ippreseduta mis-Sur Sandro Craus, Sindku tar-Rabat.

29.02 **Approvar tal-Minuti numru tmienja u għoxrin (28)** Minuti

Il-minuti tas-seduta numru tmiena u għoxrin kienu approvati unanimament wara li saritilhom addizzjoni ta' "Is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Rudolph Grima talbu li s-seduti tal-Kunsill Lokali tar-Rabat jibdew jiġu irrekordjati." L-emenda għaddiet unanimament wara li l-minuti kienu mressqa mis-Sindku u ssekondati mil-Viċi Sindku, s-Sur Matthew Chetcuti.

**Punti mil-Minuti**

29.01 Dak il-ħin stess is-SE wera s-sit https://rabatmaltalc.gov.mt/live-streaming/ fuq il-*big screen* tal-laqgħa u kien ikkonfermat li l-minuti sa dak in-nhar kienu mdaħħla kollha irrekordjati kif titlob il-liġi wara li kellu jiftaħ Youtube Channel f'ismu minħabba li bit-tul tal-laqgħat is-sistema tal-gvern ma kienetx tippermetti li jkunu mtellgħa f'dan is-sit. Recordings tal-laqgħat

29.03 **Skeda tal-Pagamenti numru 383**

L-iskema tal-pagamenti m'għaddietx unanimament għaliex is-Sur Nazju Cassar u miegħu qabel ukoll is-Sur Rudolph Grima qalu illi minkejja li qed jingħataw ħafna *direct orders*, il-bankina fi Pjazza San Duminku u t-tindif ta' Triq Ħaż Żebbuġ il-Qadima baqa' ma sarux. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal li t-*tender* tat-tpoġġija tal-madum fuq il-bankini (RLC/T/225/26 ma ingħatatx lil Legacy Ventures Ltd għaliex din kienet għolja ħafna €1,000,793.50 komparat mal-budget ta' €686,125. L-iskeda tal-ħlasijiet kienet approvata. Skeda pagamenti RLC/T/225/26

29.04 **Skeda tax-Xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 100** Skeda xiri

L-iskeda tax-xiri ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet numru 100 għaddiet minbarra items 15 – Nigel Cortis, 31 – Classic Bathrooms u 32 Sogno Bagno.

29.05 ***Management Letter 2025*** Management Letter

L-Audited Accounts 2025 kienu aċċettati mill-Awditur Ġenerali u ġejna pprovduti bil-*Management Letter* li kienet iċċirkulata mal-Agenda ta' din il-laqgħa. Din trid tiġi mwieġba punt punt fi żmien sitt ġimgħat u l-kunsillieri kellhom iċ-ċans li jiddiskuti l-*weaknesses* li sabu l-Udituri indipendenti, fosthom l-*Asset Register, grants, accruals etc*

29.06 **Offerta pubblika: Rinovar fil-Pjazza tal-Parroċċa u Direttur Artistiku (Rabat Sacrum)**

Pjazza tal-Parroċċa

Dwar it-tender li se joħroġ il-Kunsill Lokali tar-Rabat biex tissebbaħ il-Pjazza tal-Parroċċa u fl-istess ħin jibda' jintroduċi l-pedestrianisation intqal li wieħed irid joqgħod attent minħabba l-parkeġġi kemm tal-abbulanza, dak tal-Pulizija, l-un/loading eżistenti fit-tarf ta' Triq Santa Rita kif ukoll il-parkeġġ riżervat għal tal-Lottu. Min-naħa l-oħra it-tender trid toħroġ għaliex hija abbinata ma skema tad-dipartiment u jistgħu jintilfu l-fondi mwiegħda u li parti minnhom diġa' jinsabu fil-kont tagħna bħala pri-finanzjament.

Direttur Artistiku

Għall-offerta tal-Artistic Director tar-Rabat Sacrum, intefgħet offerta waħda ta' Sander Agius (Twist Events) li diġa' kien infurmat li kienet għola mil-budget tal-Kunsill. Għaldaqstant, il-KLR ikkunsidra offerta oħra li ma daħlitx mill-*e-tenders,* dik tas-Sur Mario Camilleri peress li kienet kumparata mal-istima tagħna. Din kienet approvata unanimament. Is-Sur Mario Camilleri se jkun qed iservi ta' direttur artistiku għar-Rabat Sacrum għar-raba' sena konsekuttiva u għaldaqstant għandu esperjenza tal-organizzazzjoni tal-attività kulturali annwali.

29.07 **Jum (Ġieħ u Rikonoxximenti) ir-Rabat 2026** Jum ir-Rabat

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus tkellem dwar Jum ir-Rabat u qal illi fl-ideja tiegħu hu propizju illi jingħataw rikonoxximent kemm Fr Clive Camilleri, Fr Raphael Abdilla, Fr William Bartolo u Fr Karl Andrew Schembri billi l-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma tagħhom peress li mhux se jibqgħu iservu ta' Gwardjani, Pirjol, Gwardjan u Viċi Arċipriet fir-Rabat fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, fil-Knisja ta' San Mark, fil-Knisja ta' San Franġisk u fil-Parroċċa tar-Rabat, rispettivament. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u r-rikonoxximent se jkun jikkonsisti billi jingħataw *token* f'forma ta' platt tal-fidda. Is-Sindku kompla jgħid li fil-każ ta' Fr Louis Suban, Fr Martin Coleiro u Fr Gerard Bonello dawn kienu mogħtija Ġieħ ir-Rabat għaliex kienu servew aktar minn 15-il sena servizz.

Dwar Ġieħ ir-Rabat, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus poġġa dawn l-ismijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Keith Schembri li jieħu ħsieb l-Iscouts, it-tabib Paul Falzon kif ukoll l-Imħallef Toni Abela. Is-Sur Paul Grech ippropona li l-Ġieħ ir-Rabat jingħata lit-Tabib Paul Falzon filwaqt li ssekondatu is-Sa Graziella Brincat.

Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem fuq in-nomina tas-Sur Keith Schembri u qal li minkejja li din hija waħda validissima, jaħseb li s-Sur

Schembri jkollu aktar ċansijiet li jakkwista dan l-unur fil-futur minħabba l-età żgħira tiegħu. Għaldaqstant il-proposta li jingħata Ġieħ ir-Rabat lit-Tabib Paul Falzon kienet waħda unanima.

29.08 **Ħsarat fuq vetturi – Shylon Vella, Triq Ġlormu Dingli u Jeanpierre Galea, Triq Nikola Saura** Ħsarat fuq vetturi

Dawn is-Sinjuri kienu rreferuti għand Infrastruttura Malta; peress li x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Glormu Dingli issa ilu għaddej bit-tħaffir tal-piles għal xhur sħaħ, kif ukoll lil Trasport Malta peress li Triq Nikola Saura hija triq arterja u ma *tidħolx* fir-remit tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

29.09 **Petizzjoni - Ġnien Fierez** Petizzjoni

Ma kienetx eżawrita waqt il-laqgħa minkejja li l-petizzjoni kienet imtellà mal-Agenda biex tkun għall-attenzjoni tal-Kunsillieri.

29.10 **Applikazzjoni: *Youth Exchange u Town Twinning*** Town Twinning

Intqal illi l-aktar waħda urġenti hija dik tat-Town Twinning ma' Solarino peress li anke ġejna mistiedna biex nitilgħu niffirmaw il-ġemellaġġ fl-1 ta' Awwissu, 2026 waqt il-festa tagħhom ta' San Pawl. Dwar dan il-post intqal li hemm is-Sur Salvatore minn Solarino kif ukoll Michelle u Chris mir-Rabat li qed jimbottaw dan il-ftehim. Dan hu programm tac-CERV li jissapportja l-lokalitajiet Ewropej biex isaħħaħ il-koperazzjoni, il-parteċipazzjoni demokratika tal-individwi, l-inklużjoni, l-equality, l-kultura u l-valuri Ewropej permezz ta' workshops, konferenzi, attivitajiet kulturali u għarfien ta' inizjattivi. Il-proġett irid ikun jinkludi minimu ta' 50 parteċipant li 25 minnhom iridu jkunu internazzjonali. Il-proġett idum bejn sitta u tnax-il xahar u d-deadline hija it-23 ta' Settembru 2026.

Dwar il-Youth Exchange ma' Tarquinia, intqal li din se tkun diskussa aktar 'il quddiem peress li d-deadline hija fi Frar 2027. Madankollu kien hemm ħafna brain storming waqt din il-laqgħa tal-Kunsill.

29.11 **Propost isem ta' Triq fil-Lawrenti – Triq il-Palazz Verdala** Isem ta' Triq

Peress li diġa' hemm triq bl-istess isem fil-konfini tas-Siġġiewi, se nikkomunikaw magħhom u nikkuppjaw lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq dwar din il-proposta. Ta' min isemmi li aktar 'l isfel din it-triq hija magħrufa bħala Triq il-Buskett fl-inħawi ta' Ħaż Żebbuġ peress li din taqsam Triq it-Tiġrija u tibqa' sejra lejn San Blas.

29.12 **SPI/SCI/5/26 - Finanzjament – Komunitatjiet Aktar b'Saħħithom u ta' Kwalitá** SPI/SCI/5/26

Is-Sindku Sandro Craus tkellem dwar din l-iskema u qal li l-kunsill quddiemu għandu diversi għażliet għal xhiex wieħed jista japplika. Hemm għażla li ssir sistema ta' rrigazzjoni f'Tas-Salib u dawl tat-triq li jaħdem bl-enerġija solari filwaqt li hemm l-għażla l-oħra li jsir il-culvert fil-Fiddien u b'hekk inkunu solvejna l-ilma tax-xebgħa tax-xita li jibqa niżel fit-triq għal xhur sħaħ mal-ewwel xita li tagħmel u nħawwlu numru ta' siġar u arbuxelli tul it-triq kollha. Intqal li hawn wieħed jista jikkonsidra li jagħmel sistema ta' irrigazzjoni semi-awtomatika wkoll. Is-Sindku qal li rridu naraw l-ispejjeż involuti f'dan kollu għax l-iskema għandha *capping* ta' massimu €100,000. Il-kunsilliera qablu li kull proġett hu mportanti u kollha jridu jitwettqu matul ix-xhur li

ġejjin għalhekk ħallew l-għażla f'idejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv basta li s-somma ta' €100,000 ma tinqabiżx. B'hekk kien hemm qbil unanimu biex nipproċedu u napplikaw għal wieħed mill-proġetti msemmija.

29.13 **Propost kiri ta' garage/s fi Triq Kola Xara** Garage/s

Kif kien elenkat fl-iskeda tax-xiri ta' servizzi 100, item 15, il-kiri ta' żewġ garages fi Triq Kola Xara għal €141,600 għal ħames snin ma kienetx approvata minkejja li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li jinħtieġ li nneħħu l-makni tal-knis mill-uffiċini tagħna fi 8, Triq l-Isptar kif ukoll ninħtieġu aktar spazju hekk kif jibdew jinħattu l-garages ta' Għajn Qajjet biex jibda' jinbena l-*Inclusive Hub.* Hu qal li irridu nsibu post għal dak kollu li hemm fihom.

Sadanittant, is-Sur Nazju Cassar baqa' jinsisti sabiex jinxtara *container* u jitpoġġa fil-parkeġġ mhux uffiċjali ta' quddiem Peter the Potter, il-Fuħħari fi Triq Ferris u fihom jitpoġġew l-istess makni tal-knis/ħasil tat-toroq.

Dwar il-garage biswit il-katakombi tad-Dejr li ma approvawx s'issa *Heritage Malta*, s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li se nerġgħu inkellmu lil xi ħadd responsabbli mill-amministrazzjoni ta' *Heritage Malta* għax nemmnu li l-attività tal-Kunsill mhux se tkun ta' theddida għall-ippreservar tal-Katakombi.

* Is-Sa Charmaine Balzan kienet skużata mil-laqgħa fis-19:26

29.14 **Double Yellow line approvat minn TM fi Triq Għeriexem** Double Yellow Line

Is-Sindku, tkellem dwar dan id-*double yellow line* li tpoġġa fi Triq Għeriexem quddiem il-ħwienet li fetħu minn kemm ilha li twessgħet it-triq. Hu sostna li minħabba li qed jipparkjaw eżattament quddiem il-ħwienet qed jinħoloq ostaklu u periklu kbir għas-sewwieqa li jkunu telgħin u niżlin b'veloċità xi kultant elevat u għaldaqstant id-*double yellow line* kien meħtieġ.

29.15 **Punti Oħra**

29.15.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar kont li ppreżenta is-Sur Patrick Galea ta' tiswijiet ta' ħsara fuq il-bibien, tibjid u qlugħ ta' aċċessorji li kien ħalla l-Kunsill fiż-żewġ appartamenti ta' Triq Inguanez meta kien qed jokkupahom waqt li kien qed isir ir-restawr tal-8, Triq l-Isptar. Il-KLR qabel unanimament li dan il-kont ta' €2,596 jitħallas. Kont ta' 2 appartamenti fi Triq Inguanez

29.15.02 Is-SE kien mitlub jiċċekkja jekk l-un/loading ta' Falzon Bakery fi Triq il-Kulleġġ hijiex bil-ħinijiet jew le. Un/Loading

29.15.03 Is-SE kien mitlub mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus sabiex jagħmel laqgħa mal-kumpanija ADI dwar it-traffic management tal-Pjazza tal-Parroċċa fejn kien suġġerit illi min ikun ġej minn Triq il-Kulleġġ ikollu bilfors imur lejn Sant' Agata / Bir ir-Riebu u mhux aktar lejn Triq Santa Rita u biex tmur lejn Triq San Pawl trid bil-fors tkun ġej minn Triq Santa Rita u mhux minn Triq il-Kulleġġ. Dan qed isir bil-ħsieb li jingħaqdu l-bankini taz-zuntier ma tal-boċċa biswit il-monument tar-Rabat, fil-Pjazza tal-Parroċċa. Maniġġjar tat-Traffiku

29.16 **Appuntament għas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-19:45 u dik li jmiss se ssir nhar it-12 ta' Awwissu, 2026 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 12/8/2026 minn | Sandro Craus |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |